MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 409/2005

**Faces Consultants Limited**

**vs**

**L-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta fid-29 ta' April, 2005, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Fit-12 ta' April, 2005, inhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 597/05 fl-ismijiet fuq premessi, permezz ta' liema mandat l-Awtorita' giet inibita specifikament milli tkompli bl-aggudikazzjoni tat-*Tender for the Leasing of Scheduled Sites and the Design, Fabrication, Installation & Management of Billboard Advertisement Signs on the*

*Same Sites* – **Advert No. 434/CSD/2004/2,** u dan wara illi r-risposta intavolata mill-Awtorita’ ma gietx ikkunsidrata *stante* illi din giet meqjusa *fuori termine*.

Preliminarjament jigi sottomess illi l-imsemmi mandat inhareg minghajr ma gew rispettati il-provvedimenti ta’ Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12.

*Inoltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-aggudikazzjoni illi qed tigi inibita kienet fil-verita’ diga’ saret qabel intalab il-mandat, tant illi fil-*letter of objection* esebita minnha stess fic-citazzjoni bhala Dok *“B”* is-socjeta’ attrici regghet ikkonfermat l-accettazzjoni taghha tax-*Scheduled Sites* lilha aggudikati u fir-rikors promutur, is-socjeta’ attrici tilmenta illi gew aggudikati lilha parti biss mis-*Scheduled Sites* u mhux is-*Scheduled Sites* kollha, u ghaldaqstant il-mertu ta’ l-istess huwa wiehed ezawrit u ghaldaqstant, *ai termini* ta’ artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, fic-cirkostanzi mhuwiex ragjonevoli illi l-mandat jinzamm fis-sehh.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess ukoll illi s-socjeta’ attrici naqset milli tindika kif kienet ser issofri danni irrimedjabbli u dan meta l-uniku dannu li setghet issofri kien wiehed purament finanzjarju u ghaldaqstant, *ai termini* ta’ l-istess artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, fic-cirkostanzi mhuwiex ragjonevoli illi l-mandat jinzamm fis-sehh.

*Inoltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghal-hrug tal-mandat *in kwistjoni* kienet wahda malizzjuza, frivola u vessatorja *ai termini* tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 u dan ghaliex, fl-ebda punt, lanqas fic-citazzjoni ta’ din il-kawza, is-socjeta’ attrici ma allegat xi tip ta’ irregolarita’ fl-aggudikazzjoni tat-*tender*, kemm fil-konfront taghha u wisq anqas fil-konfront tat-*tenderers* l-ohrajn, u allura *se mai* jekk hija qieghda tikkontendi illi, ghal xi raguni mistura, ix-*Scheduled Sites* kollha kellhom jigu aggudikati lilha mela allura ir-rimedju taghha kellu jkun illi tfittex lill-Awtorita’ ghad-danni allegatament sofferti u mhux illi izzommha milli tidhol fil-kuntratti rispettivi maghha u ma’ l-offerenti li rnexxew l-ohra.

*Inoltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi kieku l-Awtorita' kellha tipprosegwi bl-iffinalizzar formali tal-kuntratti li l-ghoti taghhom kien diga' gie aggudikat, kif jirrizulta mill-ittri mibghuta lill-offerenti li rnexxew hawn mehmuza u immarkati bhala *"Dok 1"*, hija kien ser ikollha introjtu immedjat ta' kwazi sittin elf Lira Maltin (Lm60,000) ghall-ewwel sena tal-kuntratti, u dhul totali u assikurat ta' mitejn, sebgha u disghin elf, tlett mija, u sittin Lira Maltin (Lm297,360) fuq il-perjodu shih tal-kuntratti – jigifieri hames snin.

Ghalhekk l-Awtorita' qieghda issofri danni ngenti u tixtieq illi tissalvagwardja l-interessi taghha *ai termini* ta' artikolu 838A tal-Kap. 12.

Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qieghda umilment tigi mitluba sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti:

a) Tordna r-revoka tal-mandat fl-ismijiet fuq premessi *ai termini* ta' 836(1)(f) tal-Kap. 12;

b) *In mankanza* ta' tali revoka tordna li tingieb garanzija xierqa *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kodici tal-Procedura, u fin-nuqqas tnehhi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni;

c) Tordna li s-socjeta' rikorrenti thallas penali kif stipulat fl-artikolu 836(8) ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Rat ir-risposta tas-socjeta' *Faces Consultants Ltd* li in forza taghha ikkontestat it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bhala li huma kompletament bla bazi guridika;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decisjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fit-12 ta' April, 2005, is-socjeta' intimata talbet u inghatat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 597/05 sabiex l-awtorita' rikorrenti tigi inibita milli tkompli bl-aggudikazzjoni tat-*tender for the Leasing of Scheduled Sites and the Design, Fabrication, Installation & Management of Billboard Advertisement Signs on the same Sites*. Jirrizulta li s-socjeta' intimata kienet tefghet applikazzjoni wara sejha ghal *tenders* u wara li l-applikazzjoni taghha giet ikkunsidrata mill-Awtorita' rikorrenti, is-socjeta' intimata giet avvzata b'ittra tal-4 ta' Marzu, 2005, li l-applikazzjoni taghha giet accettata biss *in parte*; is-socjeta' giet mitluba tidhol f'*Allocation Agreement* ghar-rigward tas-siti li gew allokati lilha. Is-socjeta' intimata ma kienetx kuntenta b'dik l-aggudikazzjoni u *a tenur* tal-artikolu 103(1) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 299/03) resqet oggezzjoni peress li deherilha li kienet aggravata bl-ghoti ta' kuntratt propost.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

***"Taqsima XIII***

***Procedura ghall-prezentata ta' appelli***

***103.*** *(1) Offerent li jhoss ruhu aggravat minn ghoti ta' kuntratt li jkun propost u persuna ohta li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt ta' provvista pubblika, servizz pubbliku jew xoghlijiet pubblici partikolari u li jkunu sofrew dannu jew qeghdin jirriskjaw li jsofru dannu b'allegat ksur, jistghu, f'zmien erbatax-il gurnata mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni, jipprezentaw avviz ta' oggezzjoni fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-Awtorita' Kontraenti involuta skond ma jkun il-kaz. Dak l-avviz ta' oggezzjoni ghandu biss ikun validu jekk flimkien mieghu ikun hemm depozitu ekwivalenti ghal wiehed fil-mija tal-valur stmat ta' l-offerta, izda f'ebda kaz ma ghandu d-depozitu jkun anqas minn Lm200 jew izjed minn Lm25,000. Il-Kap ta' Awtorita' Kontraenti ghandu minnufih javza lid-Direttur li tkun giet ipprezentata oggezzjoni ghand l-Awtorita' tieghu biex b'hekk tigi sospiza minnufih il-procedura ta' l-ghoti tal-kuntratt".*

Wara li giet ippresentata l-oggezzjoni fit-terminu stabbilit u sar id-depositu relattiv, is-socjeta’ rikorrenti qieset li dak l-appell kien null peress li, fl-opinjoni taghha, dawk ir-Regolamenti ma japplikawx ghat-*tender in kwistjoni*. Hija hadet il-parir tad-Direttur tal-Kuntratti, u dan qabel mal-Awtorita’ li, allura, baghtet id-depozitu lura lis-socjeta’ intimata. Dik is-socjeta’, meta rat hekk, iddepozitat il-flus taht l-awtorita’ tal-Qorti, talbet il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni indikat, u segwit il-hrug tal-mandat b’citazzjoni ghal-konferma tad-dritt reklamat (citaz. numru 378/05). L-Awtorita’ dwar it-Trasport qieghda issa titlob it-thassir tal-mandat peress li m’huwiex ragjonevoli illi jibqa jinzamm fis-sehh (artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-mandat ma jistax jitqies li ma kienx u m’ghadux mehtieg. Tajjeb jew hazin is-socjeta’ intimata invokat l-artikolu 103(1) tar-Regolamenti imsemmija, u la darba giet ippresentata oggezzjoni, il-process kontemplat fis-sub-paragrafi sussegwenti tal-istess artikolu, kellu jiehu l-iter tieghu. Jekk ir-Regolamenti japplikawx jew le ghal-kaz *in kwistjoni*, u jekk il-Bord tal-Appell imwaqaf bis-sahha tal-ligi kienx jew le kompetenti biex jisma u jiddeciedi fuq il-kaz, irid jiddecidiha l-Bord tal-Appell, u wara, f’kaz li min iressaq ilment jibqa’ mhux sodisfatt, il-kaz jista’ jitressaq quddiem din il-Qorti *a tenur* tal-artikolu 104(19) tal-istess Regolamenti. Li hu zgur, *pero’*, li l-parti mharrka ma tistax tiddeciedi hi li t-tribunal jew l-organu adit mhux kompetenti, u lanqas id-Direttur tal-Kuntratti ma ghandu din il-funzjoni. L-applikabilita’ tar-Regolamenti ghall-kaz *in specie* mhiex tesi manifestament infondata, u hija materja ta’ interpretazzjoni tal-istess Regolamenti, partikolarment, tad-*definition clause* tal-istess, u din hija materja li, fl-ewwel lok, trid tigi mistharga mill-Bord tal-Appell. La l-awtorita’ rikorrenti u lanqas id-Direttur tal-Kuntratti ma jistghu jarrekkaw lilhom funzjoni li mhux taghhom. Ir-Regolamenti jipprovdu b’mod dettaljat il-procedura li ghandha tigi segwita meta tidhol oggezzjoni. Fis-sub-artikolu (2) jinghad li l-iter procedurali ghandu jkun *“kif gej”*, u l-ligi, wara li tipprovdi l-process li jrid jigi segwit, tghid fis-sub-artikolu 2(viii), li d-Direttur *“<u>ghandu</u> jibghat id-dokumentazzjoni kollha li jkollha x’taqsam ma’ xi kaz ta’*

*appell lic-Chairman tal-Bord ta' l-Appelli li mbaghad ghandu jmexxi kif stipulat fit-Taqsima XIV ta' dawn ir-regolamenti".* Ir-regolamenti jipprovdu wkoll li malli tigi pprezentata oggezzjoni, il-process ghal-ghoti tal-kuntratt ghandu jkun sospiz.

Is-socjeta' rikorrenti mhux biss injorat il-procedura kontemplata fir-regolamenti, izda qieset hi stess li dawk ir-regolamenti ma japplikawx, u kienet se tipprocedi bl-iffirmar tal-kuntratti. Kellha ragun, ghalhekk, is-socjeta' intimata titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex is-sospensjoni li timponi l-ligi f'kaz ta' appell, tigi fis-sehh b'ordni tal-Qorti. Huwa principju baziku li hu t-tribunal adit li jrid jiddeciedi fuq il-kompetenza tieghu, mhux din il-Qorti f'dawn il-proceduri, u zgur mhux xi parti fil-konflitt. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Borg vs Vassallo", decisa fis-16 ta' Dicembru, 2003, *"il-Qorti adita kellha doverosament tezamina jekk fil-kaz de qua t-talbiet u l-premessi kienux jaqghu jew le fil-kompetenza taghha"*.

Is-socjeta' rikorrenti issottomettiet ukoll li l-mandat hu null ghax ma gewx segwiti il-provvedimenti tal-artikolu 873(3) tal-Kap. 12. Kif sewwa osservat, *pero'*, is-socjeta' intimata, l-awtorita' rikorrenti mhiex parti mill-Gvern, u mhiex awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, u *kwindi* dak is-sub-artikolu mhux applikabbli ghal-kaz.

Is-socjeta' rikorrenti tissoleva wkoll li bil-mandat hi giet impeduta milli jkollha introjtu qawwi bl-iffirmar tal-kuntratti, u allura qed isofri danni ingenti. *A bazi* ta' dan qed titlob li l-Qorti tordna li tingieb garanzija *a tenur* tal-artikolu 838A tal-Kap. 12. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Zarb vs Port Cottonera Ltd", decisa fit-18 ta' Settembru, 2002, l-ghoti ta' garanzija sabiex taghmel tajjeb ghall-eventwali penali u / jew danni, irid jinqara mal-artikolu 836(8) u (9), fis-sens li c-cirkustanzi li fihom tista' tigi imposta penali huma dawk elenkati fl-artikolu 836(8), u l-azzjoni ghal-penali *"ssib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, b'zieda li tista' wkoll tiddependi mill-vessatorjieta' u / jew il-mala fede ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri ai termini tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16".* F'dan il-kaz, ma

jistax jinghad li t-talba ghal hrug tal-mandat huwa vessatorju jew sar *in mala fede*. Kellu jsir ghax gew injorati l-provvedimenti tal-artikolu 103 tal-imsemmija Regolamenti. La darba gie presentat avviz ta' oggezzjoni, il-process tal-ghoti tal-kuntratti kellu jigi sospiz; il-mandat kellu jintalab ghax l-awtoritajiet, li messhom jafu mod iehor, ma segwux dak li jipprovdi dak l-artikolu. Id-dewmien huwa wkoll tort tal-awtorita' rikorrenti, ghax iz-zmien mohli huwa rizultat tal-fatt li l-awtorita' abbortit il-procedura kontemplata fil-ligi bi hsara ghas-socjeta' intimata. *Kwindi*, ma jidhirx li hemm lok ghal-ghoti ta' garanzija, peress li l-agir tas-socjeta' intimata kien, almenu *prima facie*, motivat b'agir illecitu tal-awtorita' rikorrenti stess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet rikorrenti qed jigu michuda, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-Awtorita' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------